2025/1328

29.8.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1328

tat-30 ta' Ġunju 2025

li jimplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi mudelli komuni għat-trasferiment tal-informazzjoni mill-bażijiet tad-*data* nazzjonali dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1275 jirrikjedi li kull Stat Membru jistabbilixxi bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija li tippermetti li tinġabar *data* dwar ir-rendiment tal-bini individwali fl-użu tal-enerġija u dwar ir-rendiment ġenerali tal-istokk tal-bini nazzjonali fl-użu tal-enerġija. Il-bażi tad-*data* għandha tippermetti li tinġabar *data* mis-sorsi rilevanti kollha relatati maċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-ispezzjonijiet, il-passaport tar-rinnovazzjoni tal-bini, l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza u l-konsum tal-enerġija kkalkulat jew immetrat tal-bini kopert.

(2) Skont l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, mill-inqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trasferiment tal-informazzjoni fil-bażi tad-*data* nazzjonali lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE. L-Istati Membri jitħallew jittrasferixxu l-informazzjoni b'mod aktar frekwenti.

(3) Sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE jkun komplut u jitwettaq b'mod strutturat, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-għodod diġitali u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess għal dak it-trasferiment jenħtieġ li jiġu stabbiliti u riflessi f'mudelli komuni.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 20(8) u l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1275 u l-Anness V tagħha, jenħtieġ li l-informazzjoni trasferita lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE tinkludi ċerti elementi meħuda miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, jenħtieġ li l-informazzjoni ttrasferita lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE tinkludi informazzjoni pubblika dwar l-għadd totali ta' bini jew unitajiet tal-bini jew l-erja totali tal-art fl-istokk tal-bini nazzjonali.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jittrasferixxu informazzjoni dwar l-għadd ta' spezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata mwettqa.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 22, l-Artikolu 12(7), l-Artikolu 19(6) u l-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2024/1275 u l-Anness VIII tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jittrażmettu ċerta informazzjoni dwar il-passaporti ta' rinnovazzjoni tal-bini.

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-ewwel trasferiment ta' informazzjoni mill-bażijiet tad-*data* nazzjonali tagħhom għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija fl-2027, li jkopri l-perjodu bejn l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1275 fid-29 ta' Mejju 2026 u l-31 ta' Diċembru 2026.

([1]) ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj.

(9) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jittrażmettux *data* personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE. Qabel it-trażmissjoni tal-informazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri janonimizzaw kwalunkwe *data* personali permezz tal-aggregazzjoni fil-livell tal-pajjiż.

(10) Twettqet valutazzjoni tal-interoperabbiltà skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fir-rigward tal-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE, u r-rapport li rriżulta sar disponibbli għall-pubbliku fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.

(11) Id-*data* aggregata miġbura skont dan ir-Regolament tista' terġa' tintuża għall-istatistika Ewropea f'konformità mal-prinċipji ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) 2024/1275.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi mudelli komuni għat-trasferiment ta' informazzjoni mill-bażijiet tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "obbligatorja (M)" tfisser kategorija ta' informazzjoni li l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE;

(2) "obbligatorja jekk disponibbli (Miav)" tfisser kategorija ta' informazzjoni li l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu biss jekk tali informazzjoni tkun disponibbli għalihom fil-ħin tas-sottomissjoni tal-informazzjoni.

(3) "obbligatorja jekk applikabbli (Miap)" tfisser kategorija ta' informazzjoni li l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu jekk din tkun meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali;

(4) "volontarja (V)" tfisser kategorija ta' informazzjoni li l-Istati Membri jissottomettu fuq bażi volontarja.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164 , ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj).

Artikolu 3

Skeda taż-żmien u proċedura għat-trasferiment tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-informazzjoni dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija mill-bażijiet tad-*data* nazzjonali tagħhom għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE sal-15 ta' Marzu 2027 u mill-inqas darba fis-sena minn hemm 'il quddiem.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE permezz tat-taqsima apposta tal-pjattaforma elettronika tal-Kummissjoni, stabbilita skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

3. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, mill-bażi tad-*data* nazzjonali tagħhom għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE billi jsegwu l-format stabbilit fl-Anness I.

Artikolu 4

Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' aggregazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ttrasferita

1. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-informazzjoni li tkun ittellgħet fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali tagħhom matul is-sena kalendarja preċedenti (is-sena tat-trasferiment tal-informazzjoni nieqes waħda).

2. L-informazzjoni li għandha tiġi ttrasferita għandha tiġi aggregata fil-livell tal-pajjiż u ma għandhiex tinkludi *data* personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. L-aggregazzjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-pajjiż għandha ssir f'konformità mal-formuli stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 5

Informazzjoni miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u dwar l-istokk tal-bini nazzjonali

1. Għal kull sena kalendarja msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE l-informazzjoni li ġejja fir-rigward taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija:

(a) is-sehem tal-bini fl-istokk tal-bini totali nazzjonali kopert minn ċertifikati validi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

(b) l-għadd ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa:

(c) l-erja totali ta' art tal-bini li għalih ikunu nħarġu ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija [m^2];

(d) il-medja tal-użu annwali tal-enerġija primarja kkalkulata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [kWh/(m^2.sena)];

(e) il-konsum kumulattiv tal-enerġija primarja kkalkulat miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [MWh/sena];

(f) il-medja tal-użu finali tal-enerġija primarja kkalkulata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [kWh/(m^2.sena)];

(g) il-konsum finali kumulattiv tal-enerġija kkalkulat miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [MWh/sena];

(h) il-medja tal-bżonnijiet tal-enerġija kkalkulata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [kWh/(m^2.sena)];

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

(i) il-produzzjoni kumulattiva tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post ikkalkulata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [MWh/sena];

(j) l-emissjonijiet kumulattivi tal-gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) operattivi kkalkulati miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [tCO_2eq/sena];

(k) il-medja tal-emissjonijiet tal-GHG operattivi kkalkulata miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [$kgCO_2eq/(m^2.sena)$];

(l) il-medja tal-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja (GWP - global-warming potential), fejn disponibbli, miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa [$kgCO_2eq/m^2$];

(m) l-għadd ta' bini bil-kapaċità li jirreaġixxi għal sinjali esterni, skont il-klassi enerġetika, miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa;

(n) l-għadd ta' bini b'sistema ta' distribuzzjoni tas-sħana fil-bini li kapaċi jaħdem f'livelli ta' temperatura baxxi u aktar effiċjenti, miċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE l-informazzjoni pubblika aggregata u anonimizzata dwar l-għadd totali ta' bini jew unitajiet tal-bini jew l-erja totali tal-art fl-istokk tal-bini nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjoni ġenerali tal-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, billi jużaw il-format stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Dik l-ispjegazzjoni għandha tiġi pprovduta meta jsir l-ewwel trasferiment ta' informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE u minn hemm 'il quddiem kull meta jkun hemm bżonn li l-ispjegazzjoni tiġi aġġornata wara bidliet fl-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Artikolu 6

Informazzjoni minn rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata

1. Għal kull sena kalendarja msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE l-għadd ta' spezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata mwettqa f'dik is-sena, abbażi tar-rapporti tal-ispezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjoni ġenerali tal-iskemi nazzjonali għall-ispezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata, billi jużaw il-format stabbilit fl-Anness I. Dik l-ispjegazzjoni għandha tiġi pprovduta meta jsir l-ewwel trasferiment ta' informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE u minn hemm 'il quddiem kull meta jkun hemm bżonn li l-ispjegazzjoni tiġi aġġornata wara bidliet fl-iskemi nazzjonali.

Artikolu 7

Informazzjoni mill-passaporti tar-rinnovazzjoni

Għal kull sena kalendarja msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-passaporti tar-rinnovazzjoni:

(a) l-għadd ta' passaporti tar-rinnovazzjoni maħruġa;

(b) il-medja tar-rendiment attwali tal-bini fl-użu tal-enerġija, f'enerġija primarja [$kWh/(m^2.sena)$];

(c) il-klassi stmata tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni [$kWh/(m^2.sena)$];

(d) l-iffrankar totali stmat tal-enerġija fil-konsum tal-enerġija ([6]) primarja jew finali wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni [MWh/sena];

(e) il-medja stmata tal-iffrankar tal-enerġija fil-konsum tal-enerġija primarja jew finali ([7]) wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni, f'titjib perċentwali meta mqabbel mal-konsum tal-enerġija qabel ma titwettaq ir-rinnovazzjoni [%];

([6]) Jekk l-iffrankar jiġi stmat biss fil-konsum tal-enerġija finali.
([7]) Jekk l-iffrankar jiġi stmat biss fil-konsum tal-enerġija finali.

(f) l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' GHG operattivi totali stmat wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni [tCO_2eq/sena];

(g) il-medja stmata tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' GHG operattivi wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni [$kgCO_2eq$/sena];

(h) il-medja stmata tal-iffrankar tal-kostijiet fuq il-kontijiet tal-enerġija wara t-tlestija tal-passi kollha tar-rinnovazzjoni [EUR/bini jew unità ta' bini/sena];

(i) il-medja stmata tal-investiment biex jitlestew il-passi kollha tar-rinnovazzjoni [eluf. EUR/m^2].

Artikolu 8

Informazzjoni mill-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza

Għal kull sena kalendarja msemmija fl-Artikolu 4(1), l-informazzjoni li ġejja dwar l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandha tiġi ttrasferita lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE mid-data tal-applikazzjoni tal-Att Delegat tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 15(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1275 billi jintuża l-format stabbilit fl-Anness I u l-formuli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament:

(a) l-għadd ta' binjiet li rċevew indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza;

(b) il-punteġġ medju tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini msemmi fil-punt (a);

(c) il-punteġġ medju għall-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rendiment ġenerali waqt l-użu tal-bini msemmi fil-punt (a);

(d) il-punteġġ medju għall-adattament tal-operazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-okkupant tal-bini msemmi fil-punt (a);

(e) il-punteġġ medju għall-adattament għas-sinjali mill-grilja tal-bini msemmi fil-punt (a).

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

Tabella 1

Id-data tat-trasferiment tal-informazzjoni u s-sena li għaliha hija rrapportata d-*data*

Informazzjoni li għandha tiġi trasferita	**ID** [1]
Data tat-trasferiment tal-informazzjoni	M
Sena li għaliha tiġi rrapportata d-*data*	M

2. ĊERTIFIKAT TAR-RENDIMENT FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Tabella 2

L-informazzjoni dwar l-iskemi taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC, energy performance certificates)

Informazzjoni li għandha tiġi trasferita					**ID**
Bini residenzjali					
1.	Meta ġiet introdotta l-iskema tal-EPC attwali? (data/xahar/sena)				M
2.	Deskrizzjoni qasira tal-iskema tal-EPC attwali [2]. Jekk jogħġbok ipprovdi l-links għas-siti web għad-deskrizzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti.				M
3.	Kif jiġi attribwit l-EPC: għal kull binja, għal kull unità ta' bini?				M
4.	L-użu tal-enerġija tal-bini huwa bbażat fuq l-użu tal-enerġija kkalkulat jew imkejjel?				M
4.1.	Abbażi tal-enerġija kkalkulata				Iva/Le
4.2.	Abbażi tal-enerġija mkejla				Iva/Le
4.3.	Abbażi ta' taħlita ta' enerġija kkalkulata u mkejla				Iva/Le
5.	Firxa approssimattiva tal-kostijiet għaċ-ċertifikati fil-perjodu rrapportat				Miav
firxa ta' kostijiet fil-munita nazzjonali		*firxa ta' kostijiet f'EURO*			
valur minimu	*valur massimu*	*valur minimu*	*valur massimu*		
6.	L-iskema nazzjonali tal-EPC ġiet riveduta biex tittrasponi d-dispożizzjonijiet il-ġodda skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tad-Direttiva (UE) 2024/1275?				M
IVA/LE					

[1] M = obbligatorja, Miap = obbligatorja jekk applikabbli, Miav = obbligatorja jekk disponibbli, V = volontarja.

[2] Deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija tal-EPC, eż. kif huma definiti l-klassijiet enerġetiċi, jekk humiex differenti għal djar għal familja waħda u bini b'aktar minn familja waħda, jekk hux f'enerġija primarja totali jew mod ieħor, jekk hemmx assoċjata skala ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas), eċċ.

Informazzjoni li għandha tiġi trasferita			**ID**
6.1. Jekk l-iskema nazzjonali tal-EPC ġiet riveduta skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tad-Direttiva (UE) 2024/1275, imla t-tabella ta' hawn taħt. Jekk jogħġbok irrepeti t-tabella ta' hawn taħt kif meħtieġ jekk l-iskema hija differenti bejn is-sottotipi ta' bini residenzjali.			Miap
Tip ta' bini	*(jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' bini residenzjali, eż: dar għal familja waħda, bini b'aktar minn familja waħda)*		Miap
Unità tal-kejl: kWh/(m².sena)	Limitu minimu	Limitu massimu	
klassi enerġetika A + ([3])			Miap
klassi enerġetika A0 ([4])			Miap
klassi enerġetika A			Miap
klassi enerġetika B			Miap
klassi enerġetika C			Miap
klassi enerġetika D			Miap
klassi enerġetika E			Miap
klassi enerġetika F			Miap
klassi enerġetika G			Miap
6.2. Jekk l-iskema tal-EPC ma ġietx riveduta, imla l-informazzjoni ta' hawn taħt dwar il-klassijiet attwali tal-EPC, il-firxiet korrispondenti u l-unità tal-kejl. Inti mitlub tespandi r-ringieli ta' hawn taħt kif meħtieġ biex timla l-klassijiet enerġetiċi kollha tal-iskema tal-EPC attwali. Jekk jogħġbok irrepeti t-tabella ta' hawn taħt kif meħtieġ jekk l-iskema hija differenti bejn is-sottotipi ta' bini residenzjali.			Miap
Tip ta' bini	*(jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' bini residenzjali, eż: dar għal familja waħda, bini b'aktar minn familja waħda)*		Miap
Unità tal-kejl: kWh/(m².sena)	Limitu minimu	Limitu massimu	
l-ogħla klassi enerġetika			Miap
it-tieni l-ogħla klassi enerġetika			Miap
....			Miap
il-klassi enerġetika l-aktar baxxa			Miap

([3]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru qed jippjana li jintroduċi klassi enerġetika A+.
([4]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru għandu fis-seħħ klassi enerġetika A0 u qed jippjana li jżommha wara reviżjoni tal-iskema tal-EPC.

Informazzjoni li għandha tiġi trasferita	ID
6.3. Jekk l-Istat Membru jkun għadu ma ttrasponiex l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2024/1275, jekk jogħġbok iddeskrivi hawn taħt kif il-klassijiet enerġetiċi attwali huma adattati għat-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE dwar dan il-mudell bil-klassijiet enerġetiċi minn G sa A+ ([5]).	Miap

Bini mhux residenzjali	
1. Meta ġiet introdotta l-iskema tal-EPC attwali? (data/xahar/sena)	M
2. Deskrizzjoni qasira tal-iskema tal-EPC attwali ([6]). Jekk jogħġbok ipprovdi l-links għas-siti web għad-deskrizzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti.	M
3. Kif jiġi attribwit l-EPC: għal kull binja, għal kull unità ta' bini?	M
4. L-użu tal-enerġija tal-bini huwa bbażat fuq l-użu tal-enerġija kkalkulat jew imkejjel?	M
4.1. Abbażi tal-enerġija kkalkulata	Iva/Le
4.2. Abbażi tal-enerġija mkejla	Iva/Le
4.3. Abbażi ta' taħlita ta' enerġija kkalkulata u mkejla	Iva/Le

5. Firxa approssimattiva tal-kostijiet għaċ-ċertifikati fil-perjodu rrapportat					Miav
firxa ta' kostijiet fil-munita nazzjonali valur minimu valur massimu		*firxa ta' kostijiet f'EURO valur minimu valur massimu*			

6. L-iskema nazzjonali tal-EPC ġiet riveduta biex tittrasponi d-dispożizzjonijiet il-ġodda skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tad-Direttiva (UE) 2024/1275?	M
IVA/LE	
6.1. Jekk l-iskema nazzjonali tal-EPC ġiet riveduta skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tad-Direttiva (UE) 2024/1275, imla t-tabella ta' hawn taħt. Jekk jogħġbok irrepeti t-tabella ta' hawn taħt kif meħtieġ jekk l-iskema hija differenti bejn is-sottotipi ta' binjiet mhux residenzjali.	Miap

([5]) Pereżempju, il-klassijiet enerġetiċi preċedenti A+ u A++ se jingħaqdu għall-finijiet tat-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE fil-klassi enerġetika A+. Bħala eżempju ieħor, jekk il-klassi enerġetika B tinkludi s-subklassijiet B1, B2, B3, allura l-informazzjoni kumulattiva ta' dawn it-tliet subklassijiet tingħaqad fi klassi enerġetika B. Jekk jogħġbok iddeskrivi dawk il-korrispondenzi fiċ-ċellola tat-tabella rispettiva.

([6]) Deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija tal-EPC, eż. kif inhuma definiti l-klassijiet enerġetiċi, jekk humiex differenti għal djar għal familja waħda u bini b'aktar minn familja waħda, jekk hux f'enerġija primarja totali jew mod ieħor, jekk hemmx assoċjata skala ta' emissjonijiet ta' GHG, eċċ.

Informazzjoni li għandha tiġi trasferita			**ID**
Tip ta' bini	*(jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' bini mhux residenzjali, eż. bini ta' uffiċċji, bini għall-edukazzjoni, sptar)*		Miap
Unità tal-kejl: kWh/(m².sena)	Limitu minimu	Limitu massimu	
klassi enerġetika A + ([7])			Miap
klassi enerġetika A0 ([8])			Miap
klassi enerġetika A			Miap
klassi enerġetika B			Miap
klassi enerġetika C			Miap
klassi enerġetika D			Miap
klassi enerġetika E			Miap
klassi enerġetika F			Miap
klassi enerġetika G			Miap
6.2. Jekk l-iskema tal-EPC ma ġietx riveduta, imla l-informazzjoni ta' hawn taħt dwar il-klassijiet attwali tal-EPC, il-firxiet korrispondenti u l-unità tal-kejl. Inti mitlub tespandi l-linji ta' hawn taħt kif meħtieġ biex timla l-klassijiet enerġetiċi kollha tal-iskema tal-EPC attwali. Jekk jogħġbok irrepeti t-tabella ta' hawn taħt kif meħtieġ jekk l-iskema hija differenti bejn is-sottotipi ta' binjiet mhux residenzjali.			Miap
Tip ta' bini	*(jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' bini mhux residenzjali, eż. bini ta' uffiċċji, għall-edukazzjoni, sptar)*		Miap
Unità tal-kejl: kWh/(m².sena)	Limitu minimu	Limitu massimu	
l-ogħla klassi enerġetika			Miap
it-tieni l-ogħla klassi enerġetika			Miap
....			Miap
il-klassi enerġetika l-aktar baxxa			Miap
6.3. Jekk l-Istat Membru jkun għadu ma ttrasponiex l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2024/1275, jekk jogħġbok iddeskrivi hawn taħt kif il-klassijiet enerġetiċi attwali huma adattati għat-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE dwar dan il-mudell bil-klassijiet enerġetiċi minn G sa A+ ([9]).			Miap

([7]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru qed jippjana li jintroduċi klassi enerġetika A+.

([8]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru għandu fis-seħħ klassi enerġetika A0 u qed jippjana li jżommha wara reviżjoni tal-iskema tal-EPC.

([9]) Pereżempju, il-klassijiet enerġetiċi preċedenti A+ u A++ se jingħaqdu għall-finijiet tat-trasferiment tal-informazzjoni lill-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini tal-UE fil-klassi enerġetika A+. Bħala eżempju ieħor, jekk il-klassi enerġetika B tinkludi s-subklassijiet B1, B2, B3, allura l-informazzjoni kumulattiva ta' dawn it-tliet subklassijiet tingħaqad fil-klassi enerġetika B. Jekk jogħġbok iddeskrivi dawk il-korrispondenzi fiċ-ċellola tat-tabella rispettiva.

Tabella 3

It-total tal-istokk tal-bini ([10])

Sena rrapportata ([11])										
Indikatur	Unità	Total residenzjali u mhux residenzjali	Total residenzjali	Li minnu		Total mhux residenzjali	Li minnu			
				Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet ([12])	Ieħor mhux residenzjali
ID		M	M	Miav	Miav	M	Miav	Miav	Miav	Miav
Għadd totali ta' bini	[nru]									
Għadd totali ta' unitajiet tal-bini ([13])	[nru]									
Erja totali utli tal-art tal-bini	[m2]									

([10]) Bini fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1275, kif definit mill-Artikolu 2, il-punt (1).
([11]) Għal din it-tabella, l-informazzjoni mis-sena ta' qabel (sena-1) hija preferibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli, minflok tista' tiġi ttrasferita l-informazzjoni mis-sena-2. Jekk jogħġbok speċifika s-sena rrapportata.
([12]) Fit-tabelli kollha f'dan l-Anness, il-kategorija "Sptarijiet" tinkludi l-bini tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali.
([13]) Fil-każ ta' bini mhux residenzjali, l-għadd ta' unitajiet tal-bini huwa "Miav – obbligatorja jekk disponibbli".

Tabella 4

Is-sehem tal-binji fl-istokk tal-bini nazzjonali kopert mill-EPCs [%] ([14]), ([15])

Sena rrapportata ([16])										
Indikatur	Unità	Total residenzjali u mhux residenzjali	Total residenzjali	Li minnu		Total mhux residenzjali	Li minnu			
				Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet ([17])	Ieħor mhux residenzjali
ID		M	M	Miav	Miav	M	Miav	Miav	Miav	Miav
Sehem tal-bini	[%]									
Sehem tal-unitajiet tal-bini	[%]									
Sehem tal-ispazju utli tal-art tal-bini	[%]									

([14]) F'din it-tabella, is-sehem użat fl-iskema tal-EPC fl-Istat Membru biss huwa informazzjoni "obbligatorja" jew "obbligatorja jekk disponibbli". Bħala eżempju, jekk l-EPCs jinħarġu għal unitajiet tal-bini (eż. għal bini residenzjali), allura huwa obbligatorju jew obbligatorju jekk disponibbli li tiġi ttrasferita l-informazzjoni dwar is-sehem tal-unitajiet tal-bini b'EPC fl-istokk tal-bini nazzjonali totali. Kif indikat fil-Premessa (34) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, "Fir-rigward ta' bini b'użu mħallat li jinkludi kemm unitajiet ta' bini residenzjali kif ukoll mhux residenzjali, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħżlu jekk jittrattawhomx bħala bini residenzjali jew mhux residenzjali."

([15]) Dan is-sehem huwa l-proporzjon tal-għadd ta' bini, unitajiet tal-bini jew erja tal-art b'EPCs riċevuti maż-żmien u l-għadd totali ta' bini, unitajiet tal-bini jew spazju tal-art tal-istokk tal-bini nazzjonali totali kif irrapportat fit-Tabella 3. Jekk l-informazzjoni fit-Tabella 3 tirreferi għal sena oħra għajr is-sena 1 (is-sena preċedenti), spjega kif dan is-sehem jiġi kkalkolat (eż. irrapportat għall-istokk tas-sena-2, irrapportat għall-istokk stmat fis-sena-1).

([16]) Jekk jogħġbok speċifika s-sena rrapportata.

([17]) Fit-tabelli kollha f'dan l-Anness, il-kategorija "Sptarijiet" tinkludi l-bini tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali.

Tabella 5

L-għadd totali ta' EPCs maħruġa fis-sena rrapportata

Klassijiet enerġetiċi	Bini ġdid								Bini eżistenti							
	Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:				Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:			
		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali
ID	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*
Unità	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*	*[nru]*
Klassi enerġetika A+ ([18])																
Klassi enerġetika A0 ([19])																
Klassi enerġetika A																
Klassi enerġetika B																
Klassi enerġetika C																
Klassi enerġetika D																
Klassi enerġetika E																
Klassi enerġetika F																
Klassi enerġetika G																
Total tal-klassijiet enerġetiċi																

([18]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru qed jippjana li jintroduċi klassi enerġetika A+. Dan huwa validu għat-tabelli simili kollha minn dan l-Anness.

([19]) Għandha tiġi kkunsidrata biss jekk l-Istat Membru għandu fis-seħħ klassi enerġetika A0 u qed jippjana li jżommha wara reviżjoni tal-iskema tal-EPC. Dan huwa validu għat-tabelli simili kollha minn dan l-Anness.

Tabella 6

L-erja totali ta' art tal-bini b'ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa fis-sena rrapportata [m²]

Klassijiet enerġetiċi	Bini ġdid								Bini eżistenti							
	Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:				Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:			
		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali
ID	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*
Unità	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*	*[m²]*
Klassi enerġetika A+																
Klassi enerġetika A0																
Klassi enerġetika A																
Klassi enerġetika B																
Klassi enerġetika C																
Klassi enerġetika D																
Klassi enerġetika E																
Klassi enerġetika F																
Klassi enerġetika G																
Total tal-klassijiet enerġetiċi																

Tabella 7

Il-medja tal-użu tal-enerġija primarja fl-EPCs maħruġa fis-sena rrapportata [kWh/m².sena]

Klassijiet enerġetiċi	Bini ġdid								Bini eżistenti							
	Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:				Total residenzjali	Li minnu:		Total mhux residenzjali	Li minnu:			
		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali		Djar għal familja waħda	Bini b'aktar minn familja waħda		Uffiċċji	Bini għall-edukazzjoni	Sptarijiet	Ieħor mhux residenzjali
ID	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*M*	*Miav*	*Miav*	*Miav*	*Miav*
